MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2004

Avviz Numru. 564/2004

**Mobisle Communications Limited**

**Vs**

**Almeco Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta’ liema is-socjeta attrici talbet li s-socjeta konvenuta tigi kundannata thallas is-somma ta’ elfejn, mitejn u sebghin lira Maltija u hamsa u tmenin centezmu (Lm2270.85), liema somma tirraprezenta bilanc ta’ prezz dovut mis-socjeta fuq imsemmija lil Mobisle Communications Limited in kwantu ghal servizzi rezi lilha mill-istess Mobisle Communications Limited fix-xhur bejn Jannar 2003 u Jannar 2004, u dana in segwitu ta’, u skond Client Contract No 3833, liema kuntratti huma iffirmati mir-rapprezentanti tal-kumpanija Almeco.

Bl-ispejjes, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-23 ta’ Awissu 2004, u tal-mandat ta’ sekwestru ipprezentat mal-avviz u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta konvenuta li gie ngunta ghas-subizzjoni.

Ra in-nota tas-socjeta konvenuta li biha ammettiet it-talbiet attrici.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa t-talbiet tas-socjeta attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ Lm2270.85 bl-imghaxijiet legali mit-23 ta’ Awissu 2004 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-23 ta’ Awissu 2004 u tal-mandat kawtelatorju ta’ sekwestru u tal-21 ta’ Ottubru 2004, imsemmi fl-avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------